MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1962/2005

**Frank Borda Limited - C446**

**Vs**

**Marlene Falzon I.D. 790960 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-15 ta' Dicembru 2005, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin Liri Maltin (Lm192), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-7 ta’ Frar 2006, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u tnejn u disghin Liri Maltin (Lm192), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------